

Paġna Ewlenija > ... > Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt > Wirt > Suċċessjonijiet > Netherlands

Suċċessjonijiet

 Olanda

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

L-iskeda informattiva ġiet ippreparata b'kooperazzjoni mal-Kunsill tan-Nutara tal-UE (CNUE)

1 Kif titfassal dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni (testment, testment konġunt, ftehim dwar is-suċċessjoni) malli jmut xi ħadd?

Testment jista' jsir biss permezz ta' att notarili (testment notarili) (*notariële akte (notarieel testament)*) jew bi skrittura privata miktuba bl-idejn mogħtija lil nutar biex iżommha sigura f'testment depożitat (*depot-testament*) (l-Artikolu 4:94 tal-Kodiċi Ċivili (*Burgerlijk Wetboek*)). Hemm għadd limitat ta' eċċezzjonijiet f'każijiet speċjali (l-Artikolu 4:97-107 tal-Kodiċi Ċivili). Testment konġunt (*gezamenlijk testament*) ma huwiex aċċettat (l-Artikolu 4:93 tal-Kodiċi Ċivili). Ftehom dwar suċċessjoni futura wkoll ma jiġix aċċettat. Skont l-Artikolu 4:4(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-ftehimiet bl-għan li jittrasferixxu, parzjalment jew totalment, wirt li għadu ma ntiritx huma nulli u bla effett.

2 Id-dispożizzjoni għandha tkun irreġistrata u jekk iva, kif?

In-nutar li jiffirma t-testment jeħtieġu jirreġistra l-informazzjoni fil-jum ta' xogħol ta' wara fir-Reġistru Ċentrali tat-Testmenti (Centraal Testamenten Register (CTR)).

Ara wkoll: <http://www.centraaltestamentenregister.nl/>. L-informazzjoni dwar il-preservazzjoni, ir-reġistrazzjoni u t-tiftixa għal testment hija disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Assoċjazzjoni tan-Network Ewropew tat-Testmenti (ENRWA) fit-taqsim "Skeda Informattiva": <http://www.arert.eu/>

3 Hemm restrizzjonijiet fuq il-libertà li wieħed jiddisponi mill-beni wara l-mewt (pereżempju sehem riżervat)?

Id-dixxendenti tal-persuna deċeduta (it-tfal jew - jekk it-tfal diġà mietu - it-tfal tagħhom) ma jistgħux jinqatgħu mill-wirt għalkollox. Huma intitolati għal sehem riżervat (*legitieme portie*). La l-konjuġi u l-anqas l-axxendenti ma għandhom dritt għal sehem riżervat. Is-sehem riżervat jammonta għal nofs il-wirt, ara l-Artikolu 4:64 tal-Kodiċi Ċivili. Jekk dixxendent jinwoka s-sehem riżervat tiegħu, ma jibqax meqjus werriet (*erfgenaam*) iżda bħala kreditur (*schuldeiser*) tal-patrimonju.

4 Jekk ma jkunx hemm dispożizzjoni dwar it-tqassim tal-beni malli jmut xi ħadd, min jiret u kemm?

Fin-nuqqas ta' testment, il-prinċipji li ġejjin huma applikabbli għad-diversi xenarji:

Jekk il-persuna deċeduta ma kinitx miżżewġa u ma kellhiex tfal, fil-prinċipju l-ġenituri u l-aħwa jirtu f'ishma indaqs, b'kull ġenitur li dejjem jiret tal-anqas kwart.

Jekk il-persuna deċeduta ma kinitx miżżewġa imma kellha tfal li huma superstiti, il-patrimonju jinqasam indaqs bejn it-tfal.

Jekk il-persuna deċeduta ħalliet warajha konjuġi iżda ma hemmx tfal superstiti, l-aħħar konjuġi superstiti jiret il-patrimonju kollu.

Jekk il-persuna deċeduta tħalli warajha konjuġi u tfal, it-tfal u l-konjuġi jirtu f'ishma indaqs, iżda l-konjuġi superstiti bil-liġi jakkwista l-assi tal-patrimonju. Il-likwidazzjoni tal-patrimonju hija r-responsabbiltà tal-konjuġi. Kull wieħed mit-tfal, fil-kapaċità tiegħu ta' werriet, ikollu dritt għal talba monetarja (*geldvordering*) mingħand il-konjuġi superstiti. It-talba monetarja tikkorespondi għas-sehem tat-tfal mill-patrimonju. Din it-talba ssir eżegwibbli jekk il-konjuġi superstiti jiġu ddikjarati falluti jew jitqiegħdu taħt proċedura ta' ristrutturar tad-dejn (ara wkoll l-Att dwar ir-Ristruttar tad-Dejn tal-Persuni Fiżiċi (*Wet schuldsanering natuurlijke personen*)) jew jekk imutu (l-Artikolu 4:13 tal-Kodiċi Ċivili). F'xi sitwazzjonijiet, it-tfal jistgħu jeżegwixxu t-talba monetarja tagħhom qabel ukoll, pereżempju jekk il-konjuġi superstiti jerġgħu jiżżewġu.

Il-konjuġi miżżewġin u s-sħab reġistrati jiġu ttrattati bl-istess mod.

5 Liema tip ta' awtorità hija kompetenti:

5.1 fi kwistjonijiet ta' suċċessjoni?

5.2 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tas-suċċessjoni?

5.3 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja jew aċċettazzjoni tal-legat?

5.4 biex tirċievi dikjarazzjoni ta' rinunzja u aċċettazzjoni ta' sehem riżervat?

In-nutar huwa l-awtorità kompetenti fin-Netherlands fir-rigward tal-liġi tas-suċċessjoni. Il-partijiet huma liberi li jagħżlu nutar irrISPETTIVAMENT mill-aħħar post ta' residenza tal-persuna deċeduta.

Il-werriet għandu tliet għażliet:

1. jaċċetta s-suċċessjoni mingħajr kundizzjonijiet;
2. jaċċetta s-suċċessjoni bil-benefiċċju tal-inventarju, li jillimita l-obbligazzjoni għad-djun għall-valur ta' dak li jintiret (*beneficiair aanvaarden*);
3. jirrinunzja s-suċċessjoni.

Jekk il-werriet jixtieq jaċċetta l-wirt hekk kif inhu (aċċettazzjoni mingħajr kundizzjonijiet), jista' jagħmel dan b'mod impliċitu u mingħajr formalitajiet speċifiċi billi jwettaq ċerti azzjonijiet, bħall-bejgħ jew l-appropriazzjoni b'xi mod ieħor tal-assi tal-persuna deċeduta. Il-konsegwenza ta' aċċettazzjoni mingħajr kundizzjonijiet tas-suċċessjoni hija li l-werriet ikun personalment responsabbli għad-djun tal-patrimonju bl-assi tiegħu stess. Il-werriet jista' jillimita r-responsabbiltà billi jaċċetta espliċitament is-suċċessjoni bil-kundizzjoni li d-djun tal-wirt ma jaqbżux il-valur tiegħu. Il-werriet jagħmel dan billi jagħmel dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni bil-benefiċċju tal-inventarju (*verklaring van beneficiaire aanvaarding*) quddiem il-qorti tar-reġistru (*griffie van de rechtbank*). Il-werriet jeħtieġu jagħmel dan ukoll jekk ma jkunx jixtieq jirċievi s-suċċessjoni u jixtieq jirrinunzja. Dawn id-dikjarazzjonijiet ma humiex soġġetti għal xi terminu, iżda kreditur jew parti interessata oħra tista' titlob li l-qorti timponi terminu fuq il-werrieta. Jekk il-werriet iħalli dan it-terminu jiskadi, il-wirt jiġi aċċettat mingħajr kundizzjonijiet. Dan ikun il-każ ukoll jekk il-werriet ikun għad ruħu bħallikieku kien aċċetta s-suċċessjoni mingħajr kundizzjonijiet, qabel ma jagħmel dikjarazzjoni. Għażla ma tistax titreġġa' lura ladarba ssir.

Il-legati (*legaten*) jistgħu jiġu aċċettati jew rifjutati mingħajr formalitajiet speċifiċi. Skont id-dritt tan-Netherlands, aċċettazzjoni limitata ma hijiex possibbli għal-legati.

Persuna intitolata għal sehem riżervat (*legitimaris*) tista' tirrinunzja għad-dritt tagħha għas-sehem riżervat sempliċiment billi ma titolbux. Id-dritt ma jistipula l-ebda dikjarazzjoni speċifika għal dan l-għan. Jekk il-persuni intitolati għal sehem riżervat jirrinunzjaw is-sehem riżervat tagħhom, dan il-fatt jista' jiġi rreġistrat f'dikjarazzjoni.

6 Deskrizzjoni qasira tal-proċedura biex issir suċċessjoni skont il-liġi nazzjonali, inkluż kif issir il-likwidazzjoni tal-patrimonju u kif jinqasmu l-assi (din tinkludi informazzjoni dwar jekk il-proċedura ta' suċċessjoni tinbeda minn qorti jew minn awtorità kompetenti oħra fuq inizjattiva tagħha stess)

F'ħafna każijiet, speċjalment jekk ikun hemm kuntratt taż-żwieġ (*huwelijkscontract*) jew testment, huwa rakkomandabbli li jitqabdad nutar sabiex jillikwida l-patrimonju. Kull wieħed mill-werrieta jew eżekutor (*executeur-testamentair*), jekk ikun għe nominat wieħed fit-testment, jista' jqabdad nutar fin-Netherlands. Il-partijiet huma liberi li jagħżlu nutar irrispettivament mill-aħħar post ta' residenza tal-persuna deċeduta. In-nutar jassisti lill-werrieta sabiex jaslu għal ftehim fuq il-patrimonju. Jistabbilixxi/jiddetermina min huma l-werrieta, qabel ma jivverifika jekk sarx testment u jinforma u jagħti pariri lill-benefiċjarji dwar il-konsegwenzi tal-aċċettazzjoni jew tar-rifjut tal-wirt. In-nutar jista' jassistihom ukoll sabiex jikkonformaw mal-obbligi tat-taxxa tagħhom. Il-qorti jkollha rwol fil-likwidazzjoni tas-suċċessjonijiet biss f'ċerti sitwazzjonijiet. Dan jista' jiġri jekk il-likwidazzjoni tal-wirt tiġi opposta jew jekk wieħed mill-werrieta (pereżempju għaliex ikun minorenni) ma jkunx jista' jieħu ħsieb l-interessi tiegħu stess.

7 Kif u meta wieħed isir werriet jew legatarju?

Fin-Netherlands, ma hijiex prevista xi proċedura tal-qorti. Jekk ma jkunx hemm testment, il-liġi tiddetermina min huma l-werrieta. Jekk ikun hemm testment, dan jindika min huma l-werrieta u l-legatarji (*legatarissen*). In-nutar jista' jindika min huma l-werrieta għall-patrimonju f'ċertifikat tas-suċċessjoni (*verklaring van erfrecht*), ara l-Artikolu 4:188 tal-Kodiċi Ċivili. L-eżekutor testamentarju wkoll jista' jitlob ċertifikat tas-suċċessjoni. Fiċ-ċertifikat tas-suċċessjoni, in-nutar għandu l-awtorità li jidentifika l-persuni li jkunu intitolati għall-wirt, sehemhom fil-wirt u, jekk applikabbli, isem l-eżekutor. Permezz taċ-ċertifikat tas-suċċessjoni, il-werrieta/l-eżekutor jistgħu jidentifikaw lilhom infushom lid-debituri tal-patrimonju u jkunu jistgħu jiksbu disponiment tal-bilanċi tal-bank, eċċ. Att notarili huwa neċessarju għat-trasferiment ta' proprjetà immobbli jew ta' dritt fi proprjetà immobbli lil wieħed mill-werrieta.

8 Il-werrieta huma responsabbli għad-djun tal-mejjet, u jekk iva, skont liema kundizzjonijiet?

Jekk il-werriet ikun aċċetta l-wirt mingħajr kundizzjonijiet, huwa responsabbli għad-djun tal-persuna deċeduta (l-Artikolu 4:182 tal-Kodiċi Ċivili). Jekk il-wirt jiġi aċċettat bil-benefiċċju tal-inventarju, il-werriet huwa responsabbli biss għad-dejn sal-ammonti koperti mis-sehem mill-patrimonju. Ma jkunx responsabbli personalment.

9 Liema huma d-dokumenti u/jew l-informazzjoni normalment meħtieġa għall-finijiet tar-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli?

Iċ-ċertifikat tas-suċċessjoni jista' jiġi rreġistrat fir-reġistru pubbliku ta' proprjetà immobbli (*openbaar register van onroerend goed*). Għat-trasferiment ta' titolu fuq proprjetà immobbli jew ta' drittijiet fuq proprjetà immobbli, ikun neċessarju att notarili separat.

9.1 Il-ħatra ta' amministratur hija obligatorja jew issir obligatorja wara li ssir it-talba? Jekk hija obligatorja jew obligatorja fuq talba, x'inhuma l-passi li għandhom jittieħdu?

Il-liġi tan-Netherlands ma tipprovdi għall-ħatra obligatorja ta' amministratur tal-patrimonju (*beheerder van de nalatenschap*).

9.2 Min huwa intitolat li jeseġwixxi d-dispożizzjoni testamentarja mal-mewt tal-persuna u/jew li jamministra l-patrimonju?

It-testaturi (*erflaters*) jistgħu jaħtru eżekutor fit-testment tagħhom, li jista' jillikwida l-patrimonju. F'każ ta' aċċettazzjoni bil-benefiċċju tal-inventarju, il-qorti tista' taħtar amministratur speċjali (*speciale beheerder*).

9.3 X'setgħat għandu amministratur?

L-eżekutor imsemmi fit-testament normalment ikollu setgħat limitati f'konformità mal-Artikolu 4:144 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa jista' jamministra l-patrimonju u jsalda d-dejn tal-patrimonju. It-testaturi jistgħu jagħtu aktar drittijiet lill-eżekutor, pereżempju t-trasferiment ta' assi fil-patrimonju mingħajr il-permess tal-werrieta. Jekk l-eżekutor jinħatar bħala eżekutor speċjali (*speciale executeur*) (il-fiduċjarju li jillikwida l-patrimonju (*afwikkelingsbewindvoerder*)), huwa jista' jittrasferixxi l-assi u jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar id-diviżjoni tal-patrimonju.

10 Liema dokumenti huma tipikament maħruġa skont il-liġi nazzjonali matul jew fl-aħħar tal-proċedimenti ta' suċċessjoni li jippruvaw l-istatus u d-drittijiet tal-benefiċjarji? Għandhom effetti evidenzjarji speċifiċi?

Il-werrieta jistgħu jikkonkludu att ta' diviżjoni (*akte van verdeling*). Id-dokument isir att notarili jekk isir min-nutar. Dan ikun meħtieġ meta werriet ikollu inkapaċità legali (minħabba li jkun minorenni jew minħabba riċevitura/amministrazzjoni ġudizzjarja (*curatele/bewindvoering*)). Att notarili jkun neċessarju għat-trasferiment tal-proprjetà immobbli jew ta' drittijiet fuq il-proprjetà immobbli fin-Netherlands, ara t-tweġiba għall-mistoqsija 7 aktar 'il fuq. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, ma huwiex meħtieġ att dwar diviżjoni tal-patrimonju. Id-dikjarazzjoni tas-suċċessjoni hija biżżejjed għat-trasferiment tal-assi, bħal kontijiet bankarji u proprjetà mobbli oħra.

Din il-paġna web hija parti minn [L-Ewropa Tiegħek](#).

Nilqgħu l-[feedback](#) tiegħek dwar l-utilità tal-informazzjoni pprovduta.

L-aħħar aġġornament: 27/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.